

22005D0875

9.12.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 322/31

DEĊIŻJONI Nru 4/2005**tal-25 ta' Ottubru 2005**

tal-Kumitat imwaqqaf taħt il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-Għarfien Reċiproku fir-rigward ta' l-elenkar ta' Korp għall-Valutazzjoni ta' Konformità taħt il-Kapitolu Settorjali dwar il-Vetturi bil-mutur

(2005/875/KE)

IL-KUMITAT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar Għarfien Reċiproku fir-rigward ta' valutazzjoni tal-konformità, u b'mod partikolari l-Artikolu 10.4(a) u 11 tiegħu,

Billi l-Kumitat għandu jieħu deċiżjoni li jelenka Korpi jew Korp għall-Valutazzjoni tal-Konformità taħt Kapitulu Settorjali ta' l-Anness 1 tal-Ftehim;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. Il-Korp għall-Valutazzjoni ta' Konformità fl-Anness A huwa miżjud mal-lista ta' Korpi Żvizzeri għall-Valutazzjoni tal-Konformità taħt il-Kapitolu Settorjali għall-Vetturi bil-Mutur fl-Anness 1 tal-Ftehim
2. L-ambitu speċifiku ta' l-inklużjoni fil-lista, f'termini ta' prodotti u ta' proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, tal-Korp għall-Valutazzjoni tal-Konformità indikat fl-Anness A, ġie miftiehem mill-Partijiet u se jinżamm minnhom

Din id-Deċiżjoni, magħmula f'żewġ kopji, għandha tiġi ffirmata minn rappreżentanti tal-Kumitat li huma awtorizzati li joperaw fisem il-Partijiet għall-għanijiet li jemendaw il-Ftehim. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mid-data li fiha titniżżel l-aħħar firma.

Magħmul f'Berna, nhar
il-25 ta' Ottubru 2005
F'isem il-Konfederazzjoni. Żvizzera
Heinz HERTIG

Magħmul fi Brussell, nhar
il-25 ta' Ottubru 2005
F'isem il-Komunità Ewropea
Andra KOKE

ANNEX A

Il-Korp Żvizzeru għall-Valutazzjoni tal-Konformità miżjud mal-lista ta' Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità taħt il-Kapitolu Settorjali għall-Vetturi bil-Mutur fl-Anness 1 tal-Ftehim.

Montena emc sa
Route de Montena 75
CH-1728 Rossens
Tel.: +41 26 411 93 33
Fakx.: +41 26 411 93 30
Persuna li tista' tiġi kkuntattjata: Mr Jacques Ding
E-mail: jacques.ding@montena.com